Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2187/2005

tal-21 ta' Diċembru 2005

għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98

(ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 337)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 809/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007	L 182	1	12.7.2007
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2010 tat-28 ta' Lulju 2010	L 199	4	31.7.2010
►M3	Regolament (UE) Nru 1237/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010	L 348	34	31.12.2010
►M4	Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015	L 133	1	29.5.2015

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2187/2005

tal-21 ta' Diċembru 2005

għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Skond l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([3]), il-Kunsill, filwaqt li jieħu kont tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, għandu jistabbilixxi l-miżuri Komunitarji meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-isfruttament ta' riżorsi akwatiċi ħajjin li jipprovdi kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għak dak il-għan, il-Kunsill jista' jadotta miżuri tekniċi sabiex jillimita l-mortalità tal-ħut u l-impatt ambjentali ta' l-attivitajiet tas-sajd.

(2) L-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku u fil-*Belts*, kif emendata bil-Protokoll tal-Konferenza tar-rappreżentanti ta' l-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Gdansk") ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/414/KEE ([4]).

(3) Mindu ġiet stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Gdansk, il-Kummissjoni Internazzjonali tas-Sajd fil-Baħar Baltiku (IBSFC) adottat pakkett ta' miżuri għall-konservazzjoni u l-immaniġġar tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku. Il-Kummissjoni nnotifikat lill-Partijiet Kontraenti dwar ċerti rakkomandazzjonijiet għall-modifika ta' dawk il-miżuri tekniċi.

([1]) ĠU C 125, 24.5.2005, p. 12.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2005 (għadha mhijiex pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).
([3]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([4]) ĠU L 237, 26.8.1983, p. 4.

▼B

(4) Huwa kunsiljabbli għall-Komunità li jiġu attwati tali rakkomandazzjonijiet. Madankollu, billi l-IBSFC tista' tiġi sostitwita minn koperazzjoni bilaterali mal-Federazzjoni Russa, ir-regoli Komunitarji ma għandhomx isegwu b'mod strett dawk ir-rakkomandazzjonijiet iżda minflok għandhom ifittxu li jistabbilixxu sistema komprensiva u konsistenti ta' miżuri tekniċi għall-ilmijiet Komunitarji, ibbażata fuq regoli eżistenti. Hemm lok għal simplifikazzjoni f'ċerti każi fejn ir-regoli eżistenti huma dettaljati mingħajr ħtieġa u/jew ma jistgħux ikunu ġustifikati għall-konservazzjoni tar-riżorsi.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 88/98 ([1]) stabbilixxa ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, tal-*Belts* u tas-*Sound*.

(6) L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 88/98 uriet biċ-ċar ċerti defiċjenzi f'dak ir-Regolament rriżultaw fi problemi ta' applikazzjoni u ta' infurzar u li għandhom jiġu rettifikati, speċjalment billi jiġu definiti l-ispeċi mmirati u l-perċentwali rekwiżiti tal-qbid applikabbli għal skali ta' daqsijiet ta' malji ta' xbieki u għal żoni ġeografiċi differenti meta s-sajd isir b'ċertu tagħmir.

(7) Il-mod li bih għandhom jiġu kalkolati l-perċentwali ta' l-ispeċi mmirati u ta' speċi oħra għandu jiġi definit.

(8) Id-daqs minimu ta' kull speċi għandu jiġi ffissat b'kont meħud tas-selettività tad-daqs tal-malji tat-tagħmir tas-sajd li jista' jintuża għal dik l-ispeċi.

(9) L-informazzjoni xjentifika turi li qiegħed isir qbid sekondarju (*by-catches*) ta' ammonti kbar ta' merluzz mhux adult fis-sajd tas-sallur bit-tkarkir. Is-sajd għas-sallur b'tagħmir attiv għandu jkun għaldaqstant projbit.

(10) Il-Golf ta' Riga huwa ekosistema tal-baħar unika u pjuttost sensittiva li teħtieġ miżuri speċjali sabiex jiġi żgurat sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tagħha u sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd. L-Artikolu 21 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, għaldaqstant, jipprovdi li l-Kunsill għandu jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 qabel id-data ta' adeżjoni bil-ħsieb li jiġu adottati l-miżuri meħtieġa ta' konservazzjoni fil-Golf ta' Riga.

([1]) ĠU L 9, 15.1.1998, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2005 (ĠU L 49, 22.2.2005, p. 1).

▼B

(11) Sabiex jiġu kontrollati l-attivitajiet tas-sajd, l-aċċess għall-Golf ta' Riga għandu jkun suġġett għal permessi speċjali tas-sajd kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar permessi speċjali tas-sajd ([1]).

(12) L-informazzjoni xjentifika tindika li, għall-merluzz, it-tagħmir irmunkat mingħajr tieqa ta' ħruġ u immaljat normalment f'forma ta' djamanti fl-ixkora u fil-biċċa ta' l-estensjoni huwa inqas selettiv minn dak bit-tieqa ta' ħruġ tat-tip "BACOMA" jew fejn il-malji fl-ixkora u fil-biċċa ta' l-estensjoni ikunu mdawra 90°. Huwa għalhekk kunsiljabbli li fl-ilmijiet Komunitarji u għall-bastimenti Komunitarji ma jkunx permess l-użu ta' tagħmir irmunkat mingħajr it-tieqa tal-ħruġ tat-tip "BACOMA" jew mingħajr li l-malji ta' l-ixkora u tal-biċċa ta' l-estensjoni ikunu mdawra 90° meta l-merluzz ikun l-ispeċi mmirat.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 1434/98 stabbilixxa l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-aringi għal skopijiet industrijali diversi mill-konsum uman dirett ([2]).

(14) Sabiex jiġu simplifikati r-regoli kumplessi tar-Regolament (KE) Nru 1434/98, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament li huma relevanti għall-Baħar Baltiku għandhom jiġu sostitwiti minn dispożizzjonijiet ġenerali, f'dan ir-Regolament, dwar qabdiet mhux magħżula. Ir-Regolament (KE) Nru 1434/98 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

(15) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([3]).

(16) Għandhom jiġu adottati wkoll, skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, l-emendi għall-Anness I u l-Appendiċi 1 u 2 ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(17) Minħabba n-numru u l-firxa ta' bidliet li għandhom isiru lir-regoli, ir-Regolament (KE) Nru 88/98 għandu jitħassar u jiġi sostitwit minn test ġdid,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.
([2]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 10.
([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

▼B

KAPITOLU I

AMBITU TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Materja u ambitu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni fir-rigward tal-qbid u tal-ħatt ta' riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-baħar taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri u li jinsabu fiż-żona ġeografika speċifikata fl-Anness I.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "*tagħmir attiv*" tfisser kwalunkwe tagħmir tas-sajd li l-operazzjoni tal-qbid għalih teħtieġ ċaqliq attiv tat-tagħmir, inklużi b'mod partikolari t-tagħmir irmunkat u t-tagħmir ċirkolanti;

(i) "*xibka tat-tkarkir*" tfisser tagħmir li jkun irmunkat b'mod attiv minn bastiment tas-sajd jew aktar u li jikkonsisti fi xbiek li jkollu struttura f'forma ta' kon jew ta' piramida (bħala struttura tat-tagħmir tat-tkarkir) magħluqa fuq wara bi xkora (*codend*);

(ii) *"tkarkir bil-lasta" (beam trawl*) tfisser tagħmir b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment b'tubu ta' l-azzar jew ta' l-injam, il-lasta, u bi xbiek b'katini ta' l-art, tapiti tal-ktajjen (*chain mats*) jew ktajjen tat-tħarbit (*tickler chains*) li jkun irmunkat b'mod attiv fil-qiegħ mill-magna tal-bastiment;

(iii) "*tartarun Daniż*" tfisser tagħmir ċirkolanti u rmunkat, operat minn dgħajsa permezz ta' żewġt iħbula twal (ħbula tat-tartarun) imfassal sabiex jidderiġi l-ħut lejn il-fetħa tat-tartarun. It-tagħmir magħmul minn xbiek, simili għax-xibka tat-tkarkir tal-qiegħ fid-disinn u d-daqs, jinkludi żewġ ġwienaħ twal, korp u xkora;

(iv) "*gangmu*" tfisser xbiek jew nassa tal-metall immuntati fuq qafas ta' daqs u forma varjabbli, b'xafra li tobrox, xi drabi bis-snien, fin-naħa t'isfel tagħhom;

(v) "*tartarun xkora*" tfisser tagħmir ċirkolanti magħmul minn xbiek fejn il-qiegħ tiegħu jingħaqad permezz ta' lenza ta' l-ixkora fil-qiegħ tax-xibka, li tgħaddi minn serje ta' anelli tul il-ħabel ta' l-art, li tippermetti li x-xibka tinġibed f'borża u tingħalaq.

(b) "*tagħmir passiv*" tfisser kwalunkwe tagħmir tas-sajd li l-operazzjoni tal-qbid għalih ma teħtieġx ċaqliq attiv tat-tagħmir, u jinkludi għeżuli, xbieki tat-tħabbil, pariti, xbieki bin-nassa, lenez, drajnat u nases. Ix-xbieki jistgħu jikkonsistu minn xibka separata jew aktar attrezzati bi ħbula minn fuq, minn isfel u minn waħda għall-oħra, u jistgħu jiġu armati b'tagħmir għall-ankoraġġ, tal-wiċċ u għan-navigazzjoni.

▼B

(i) "*għeżula*" u "xbiek *tat-tħabbil*" tfisser tagħmir magħmul minn biċċa waħda ta' xbiek u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet. Hija taqbad riżorsi akwatiċi ħajjin bit-tħabbil jew bit-tagħqid;

(ii) "*parit*" tfisser tagħmir magħmul minn biċċtejn xibka jew aktar imdendla flimkien b'mod parallel fuq lenza waħda u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni jew piżijiet;

(iii) "*lenez*" tfisser numru ta' lenez marbuta flimkien, jew imqiegħda fil-qiegħ jew jimxu mal-kurrent, b'kull waħda jkollha numru kbir ta' snanar bil-lixka;

(ċ) "*snanar*" tfisser fil ta' l-azzar, mgħawweġ u misnun, li normalment ikollu l-garġi.

(d) "*ħin ta' immersjoni*" tfisser il-perjodu mill-mument meta x-xbieki jitniżżlu l-ewwel darba fl-ilma sal-mument meta x-xbieki jittellgħu kompletament abbord il-bastiment tas-sajd;

(e) "*xbieki b'malji kwadri*" tfisser kostruzzjoni ta' xbiek immuntat b'tali mod li miż-żewġ settijiet ta' linji paralleli ffurmati mill-ġnub tal-malji, sett wieħed ikun parallel, u l-ieħor f'angolu rett, ma' l-assi t-twil tax-xibka;

(f) "*xkora*" tfisser l-aħħar 8 m tax-xibka tat-tkarkir, li tkun f'forma ta' ċilindru, jiġifieri bl-istess ċirkonferenza t-tul kollu, jew f'forma konika;

(g) "*borża ta' rinforz*" tfisser biċċa xibka ċilindrika li ddawwar kompletament l-ixkora tax-xibka tat-tkarkir u li tista' tiġi marbuta ma' l-ixkora f'intervalli;

(h) "*ċinga ta' wara*" tfisser iċ-ċinga ċirkolanti li tkun l-aktar lura u marbuta ma' l-ixkora, imkejla meta l-malji jiġu miġbuda fit-tul;

(i) "*ċinga ta' l-irfigħ*" tfisser biċċa ħabel li ddawwar iċ-ċirkonferenza ta' l-ixkora jew tal-borża ta' rinforz, jekk ikun hemm waħda, u marbuta magħha permezz ta' ingases jew ħoloq;

(j) "*ċinga ċirkolanti*" tfisser biċċa ħabel li ddawwar iċ-ċirkonferenza ta' l-ixkora jew tal-borża ta' rinforz u li tkun marbuta magħha;

(k) "*flapper*" tfisser biċċa xbiek marbuta fuq ġewwa ta' tagħmir attiv b'mod li tippermetti l-qabdiet jgħaddu minn quddiem għal wara tat-tagħmir iżda li tillimita l-possibbiltà tagħhom li jerġgħu lura;

(l) "*baga ta' l-ixkora*" tfisser unità, li żżomm fil-wiċċ, marbuta ma' l-ixkora;

(m) "*ħabel tal-baga*" tfisser ħabel li jgħaqqad il-baga ta' l-ixkora ma' dik il-parti tat-tagħmir tas-sajd li tkun miżmuma fil-post jew immarkata;

▼B

(n) "*bićća ta' estensjoni*" tfisser sezzjoni mhux konika tax-xibka tat-tkarkir li jkollha forma ċilindrika, jiġifieri l-istess ċirkonferenza ta' l-ixkora t-tul kollu, li tkun magħquda jew tkompli, bħala estensjoni, ma' l-ixkora;

▼M1

(o) "*drift-net (għeżul tal-mitlaq)*" tfisser: kull għeżul tal-garġi miżmum fuq wiċċ il-baħar jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' sufri jew apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarru mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent;

▼M4

(p) "*qabdiet mhux intenzjonati*" tfisser il-qabdiet inċidentali ta' organiżmi tal-baħar li, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jinħattu, jingħaddu u jinqatgħu mill-kwoti jew għax ikunu taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew inkella għax jaqbżu l-kwantitajiet permessi skont ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabdiet jew il-qabdiet inċidentali.

▼B

KAPITOLU II

XBIEKI U KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAGĦHOM

TAQSIMA I

Speċi mmirati

Artikolu 3

Speċi mmirati u daqsijiet minimi tal-malji tax-xbieki

1. Għal kull wieħed mis-suddiviżjonijiet elenkati fl-Anness I, id-daqsijiet tal-malji tax-xbieki ammissibbli għal kull speċi mmirata għandhom ikunu kif definiti fl-Anness II għas-sajd bit-tkarkir, bit-tartarun Daniż u b'tagħmir simili u kif definiti fl-Anness III għas-sajd bl-għeżuli, bix-xbieki tat-tħabbil u bil-pariti. L-ebda parti mit-tagħmir jew mix-xbieki ma għandha jkollha d-daqs tal-malji inqas mill-iżgħar daqs tal-malji f'kull skala ta' daqsijiet tal-malji.

▼M4

Sajd għal kull speċi msemmija fl-Annessi II u III, l-użu ta' xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u tagħmir simili, għeżula, xbieki tat-tħabbil u pariti b'daqs tal-malji iżgħar mill-għażla ta' daqsijiet speċifikata għall-ispeċi mmirati elenkati f'dawk l-Annessi għandu jiġi pprojbit.

▼B

2. Il-perċentwali minima ta' l-ispeċi mmirati fost ir-riżorsi akwatiċi ħajjin li jinżammu abbord għal kull suddiviżjoni ġeografika u għal kull skala ta' daqsijiet tal-malji hija stabbilita fl-Anness II u fl-Anness III.

[1] Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

▼B

3. Matul kull vjaġġ ta' sajd meta jinġarru gangmi abbord, għandu jkun projbit li tinżamm abbord u li titniżżel l-art kwalunkwe kwantità ta' riżorsi akwatiċi ħajjin ħlief jekk mill-inqas 85 % tal-piż ħaj tagħha jikkonsisti minn molluski u/jew *Furcellaria lumbricalis*.

▼M4

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal qabdiet mhux intenzjonati tal-ispeċi soġġetta għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dawk il-qabdiet mhux intenzjonati għandhom jinħattu, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

▼B

4. L-użu, f'xi suddiviżjoni, ta' għeżuli jew ta' xbieki tat-tħabbil b'daqsijiet tal-malji iżgħar minn dawk imsemmija fl-Anness III għandu jkun projbit.

5. Għandu jkun projbit l-użu, f'kull suddiviżjoni, ta' pariti b'daqs tal-malji, f'dik il-parti tax-xibka bl-akbar malji, li ma jikkorrispondix ma' waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness III ħlief jekk id-daqs tal-malji fil-parti tax-xibka bl-iżgħar malji jkun iżgħar minn 16 mm. Jekk id-daqs ta' l-iżgħar malji ikun inqas minn 16 mm, il-malji kollha ta' daqs akbar minn 16 mm għandhom jikkorrispondu għall-kategoriji stabbiliti fl-Anness III.

6. Għal kull vjaġġ ta' sajd, għandu jkun projbit li jitniżżlu l-art qabdiet li jkunu saru fis-suddiviżjonijiet elenkati fl-Anness I, u li nżammu abbord, meta ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness II jew l-Anness III.

▼M4

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal qabdiet mhux intenzjonati tal-ispeċi soġġetta għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dawk il-qabdiet mhux intenzjonati għandhom jinħattu, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

▼B

Artikolu 4

Kalkolu ta' perċentwali ta' speċi mmirati

1. Il-perċentwali ta' speċi mmirati msemmija fl-Annessi II u III għandhom jiġu kalkolati bħala l-proporzjon skond il-piż ħaj ta' l-ispeċi kollha elenkati fl-Annessi II u III li jinżammu abbord wara li jiġu magħżula jew li jitniżżlu l-art.

2. Il-perċentwali ta' speċi mmirati u ta' speċi oħra għandha tinkiseb billi jiġi kalkolat it-total tal-kwantitajiet kollha ta' l-ispeċi mmirati u ta' speċi oħra elenkati fl-Annessi II u III li jinżammu abbord.

3. Għandu jittieħed kont tal-kwantitajiet ta' speċi elenkati fl-Annessi II u III li jkunu ġew trasbordati minn xi bastiment tas-sajd meta jiġu kalkolati l-perċentwali ta' speċi mmirati għal dak il-bastiment.

4. Il-perċentwali ta' speċi mmirati jistgħu jiġu kalkolati abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.

▼B

TAQSIMA II

Tagħmir attiv

Artikolu 5

Struttura tat-tagħmir tas-sajd

1. Ma għandu jintuża l-ebda apparat li jostakola jew li altrimenti jnaqqas id-daqs tal-malji ta' l-ixkora.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess li jitwaħħal man-naħa ta' barra tal-parti ta' isfel ta' l-ixkora ta' kwalunkwe tagħmir attiv, xi kanvas, xibka jew materjal ieħor li jkollu l-għan li jipproteġiha jew inaqqas milli titgħarraq. Dan il-materjal għandu jkun imwaħħal biss tul it-truf ta' quddiem u tal-ġenb ta' l-ixkora.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għas-sajd bit-tkarkir, bit-tartarun Daniż jew b'tagħmir simili b'daqs tal-malji iżgħar minn 90 mm, għandu jkun permess li titwaħħal borża ta' rinforz man-naħa ta' barra ta' l-ixkora. Id-daqs tal-malji tal-borża tar-rinforz għandu jkun mill-inqas id-doppju ta' dak ta' l-ixkora u fl-ebda każ ma jkun inqas minn 80 mm.

Tista' titwaħħal borża ta' rinforz fil-postijiet li ġejjin:

(a) fit-tarf ta' quddiem,

(b) fit-tarf ta' wara, jew

(ċ) fiċ-ċirkonferenza bejn in-naħa ta' wara u dik ta' quddiem.

Borża tar-rinforz tista' tinqafel

(a) maċ-ċirkonferenza ta' l-ixkora u tal-biċċa ta' l-estensjoni madwar ringiela ta' malji; jew

(b) fit-tul ma' ringiela waħda ta' malji.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess li:

(a) tintuża f'tagħmir attiv xibka bla ritorn jew *flapper*. Il-*flapper* tista' titwaħħal ġewwa l-ixkora jew inkella quddiem l-ixkora. Id-dispożizzjonijiet dwar l-iżgħar daqsijiet tal-malji stabbiliti fl-Anness II ma għandhomx japplikaw għall-*flapper*. Id-distanza mill-punt fuq quddiem fejn tkun imwaħħla l-*flapper* sat-tarf ta' wara ta' l-ixkora għandha tkun mill-inqas tliet darbiet daqs it-tul tal-*flapper*;

(b) jitwaħħal man-naħa ta' barra ta' kwalunkwe parti ta' l-ixkora sensur maħsub għall-kejl tal-volum tal-qabdiet;

(ċ) jintużaw għas-sajd bit-tkarkir, bit-tartarun Daniż jew b'tagħmir simili b'daqs tal-malji iżgħar minn 90 mm, ċineg ċirkolanti u ċinga ta' l-irfigħ imwaħħla man-naħa ta' barra ta' l-ixkora;

(d) tintuża għas-sajd bit-tkarkir, bit-tartarun Daniż jew b'tagħmir simili b'daqs tal-malji ta' 90 mm jew akbar, ċinga ta' l-irfigħ waħda mwaħħla man-naħa ta' barra ta' l-ixkora;

(e) jitwaħħlu sufruni fuq iż-żewġ ċmusi laterali ta' l-ixkora;

(f) tintuża ċinga ta' wara mwaħħla man-naħa ta' barra ta' l-ixkora. Id-distanza bejn iċ-ċinga ta' wara u s-siegla ta' l-għeluq (*codline*) għandha tkun ta' daqs jew inqas minn 50 cm.

▼B

Artikolu 6

Strutturi projbiti speċifiċi

Għandu jkun projbit l-użu ta':

(a) kwalunkwe xkora li fiha n-numru ta' malji, ugwalment imdaqqsa, madwar kwalunkwe ċirkonferenza ta' l-ixkora jiżdied min-naħa ta' quddiem għan-naħa ta' wara;

(b) kwalunkwe estensjoni li ċ-ċirkonferenza tagħha, fi kwalunkwe punt, tkun iżgħar miċ-ċirkonferenza tat-tarf ta' quddiem nett ta' l-ixkora li magħha tkun imwaħħla l-estensjoni;

(ċ) kwalunkwe xkora ta' daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar li jkollha fiha xi malji li mhumiex f'forma ta' djamant jew kwadri;

(d) kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż jew tagħmir simili b'daqs tal-malji ta' 90 mm jew akbar li miegħu jkun hemm imwaħħla xkora b'mod ieħor milli meħjuta f'dik il-parti tax-xibka 'l quddiem mill-ixkora;

(e) kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż jew tagħmir simili b'daqs tal-malji ta' 90 mm jew akbar b'aktar minn 100 malja djamant miftuħa u inqas minn 40 malja djamant miftuħa fi kwalunkwe ċirkonferenza ta' l-ixkora, bl-esklużjoni tal-parti mwaħħla jew taċ-ċmusi;

(f) kwalunkwe xkora li t-tul imġebbed tan-nofs ta' fuq tagħha ma jkunx approssimament daqs it-tul imġebbed tan-nofs ta' isfel.

Artikolu 7

Selettività fis-sajd bit-tkarkir għall-merluzz

Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, tippreżenta lill-Kunsill mhux aktar tard minn Settembru 2007 valutazzjoni tas-selettività għall-merluzz tat-tagħmir attiv li għalih il-merluzz ikun rikonoxxut bħala speċi mmirata.

TAQSIMA III

Tagħmir passiv

Artikolu 8

Dimensjonijiet u l-ħin ta' immersjoni

1. Meta s-sajd isir bl-użu ta' l-għeżuli, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, l-użu ta' aktar minn 9 km ta' xbieki għall-bastimenti b'tul totali ta' 12 m jew anqas u ta' 21 km ta' xbieki għall-bastimenti b'tul totali ta' aktar minn 12 m għandu jkun projbit.

2. Il-ħin ta' immersjoni tax-xbieki msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż it-48 siegħa.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-ħin ta' l-immersjoni tax-xbieki msemmija fil-paragrafu 1 meta s-sajd isir taħt il-kopertura tas-silġ ma għandux ikun limitat.

Artikolu 9

Restrizzjonijiet dwar xbieki tal-mitlaq

1. Mill-1 ta' Jannar 2008 'il quddiem, għandhom ikunu projbiti ż-żamma abbord, jew l-użu għas-sajd, ta' xbieki tal-mitlaq.

▼B

2. Fl-2006 u 2007, bastiment jista' jżomm abbord, jew juża għas-sajd, xbieki tal-mitlaq jekk ikun awtorizzat li jagħmel hekk mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li tiegħu itajjar il-bandiera.

3. Fl-2006 u 2007, in-numru massimu ta' bastimenti li jistgħu jkunu awtorizzati minn Stat Membru li jżommu abbord, jew jużaw għas-sajd, xbieki tal-mitlaq, ma jistax jaqbeż l-40 % u l-20 % rispettivament tal-bastimenti tas-sajd li kienu jużaw ix-xbieki tal-mitlaq matul il-perjodu mill-2001 sa l-2003.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, fis-suddiviżjonijiet 25-32 in-numru massimu ta' bastimenti li jistgħu jkunu awtorizzati minn Stat Membru sabiex iżommu xbieki tal-mitlaq abbord jew sabiex jużawhom għas-sajd ma għandux jaqbeż l-40 % tal-bastimenti tas-sajd li użaw xbieki tal-mitlaq matul il-perjodu mill-2001 sa l-2003.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' April ta' kull sena, lista tal-bastimenti awtorizzati li jistagħdu bl-użu tax-xbieki tal-mitlaq.

Artikolu 10

Kondizzjonijiet għax-xbieki tal-mitlaq

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li juża x-xbieki tal-mitlaq għandhu jżomm ġurnal ta' abbord li fih huwa għandu jirreġistra l-informazzjoni li ġejja ġurnata b'ġurnata:

(a) it-tul totali tax-xbieki abbord:

(b) it-tul totali tax-xbieki użati f'kull operazzjoni tas-sajd:

(ċ) il-kwantità, id-data u l-pożizzjoni ta' qabdiet sekondarji ta' ċetaċji.

2. Il-bastimenti tas-sajd kollha li jużaw ix-xbieki tal-mitlaq għandhom iżommu abbord l-awtorizzazzjoni imsemmija fl-Artikolu 9(2).

TAQSIMA IV

Dispożizzjonijiet komuni dwar it-tagħmir u l-użu tiegħu

Artikolu 11

Determinazzjoni tad-daqs tal-malji u l-ħxuna ta' l-ispag

Għandu japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2003 ta' l-24 ta' Jannar 2003 li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġi stabbilit id-daqs tal-malji u l-ħxuna ta' l-ispag tax-xbiek tas-sajd [1].

▼M4

Artikolu 12

L-ilħiq tal-perċentwali ta' qabdiet rekwiżiti

1. Fejn organizmi tal-baħar ta' speċi soġġetta għall-obbligu tal-ħatt jinqabdu b'eċċess tal-perċentwali permessi speċifikati fl-Annessi II u III, għandu japplika l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dawk il-qabdiet mhux intenzjonati għandhom jinħattu, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

[1] ĠU L 22, 25.1.2003, p. 5.

▼M4

2. Organiżmi tal-baħar ta' speċi mhux soġġetta għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jinqabdu b'eċċess tal-perċentwali permessi kif speċifikat fl-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jinħattu iżda għandhom jintefgħu immedjatament lura fil-baħar.

▼B

Artikolu 13

Kondizzjonijiet għall-użu tat-tagħmir

1. Tagħmir li ma jistax jintuża ġewwa żona ġeografika partikolari jew matul ċertu perjodu għandu jiġi stivat b'tali mod li ma jkunx lest sabiex jintuża fiż-żona projbita jew matul il-perjodu projbit. It-tagħmir ta' riżerva għandu jiġi stivat separatament u b'tali mod li ma jkunx lest sabiex jintuża.

2. It-tagħmir tas-sajd għandu jitqies li ma jkunx lest sabiex jintuża jekk:

(a) fil-każ ta' xbieki tat-tkarkir, ta' tartaruni Daniżi u ta' tagħmir simili ħlief għat-tkarkir tal-par:

(i) it-twavel tat-tkarkir ikunu marbuta sew man-naħa ta' ġewwa jew ta' barra tal-murata jew mal-*gallows*,

(ii) il-gerlini jkunu maħlulin minn mat-twavel jew mill-piżijiet tat-tkarkir;

(b) fil-każ ta' tkarkir bil-par il-piżijiet tan-naħa ta' barra ikunu maħlulin u stivati

(ċ) fil-każ ta' lenez, għeżuli, xbieki tat-tħabbil u pariti:

(i) ix-xbieki jkunu stivati taħt kopertura marbuta,

(ii) il-lenez u s-snanar jinżammu f'kaxex magħluqa;

(d) fil-każ ta' tartaruni xkora, il-fil prinċipali jew dak ta' isfel ikun maħlul minn mat-tartarun.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn jintuża tagħmir li jkollu l-merluzz (*Gadus morhua*) definit għalih bħala speċi mmirata skond l-Annessi II jew III, l-ebda tip ta' tagħmir ieħor ma għandu jinżamm abbord.

▼B

KAPITOLU III

DAQS MINIMU TAL-ĦUT IMNIŻŻEL L-ART

Artikolu 14

Kejl tal-ħut

▼M4

1. Organiżmu tal-baħar jitqies żgħir jekk id-dimensjonijiet tiegħu jkunu taħt id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati fl-Anness IV għall-ispeċi rilevanti u għaż-żona ġeografika rilevanti jew daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni stabbilit mod ieħor skont il-liġi tal-Unjoni. Ħlief fejn id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni jkunu ġew stabbiliti f'att adottat skont l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom japplikaw id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. Id-daqs ta' ħuta għandu jitkejjel mill-ponta tal-ħalq magħluq sat-tarf estrem tar-rixa tad-denb.

▼M4

Artikolu 14a

Proċedura għall-istabbiliment ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni fil-kuntest tal-pjani ta' skartar

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, sabiex jiġu adottati l-atti msemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għad-durata tiegħu, li tistabbilixxi daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni għal speċi soġġetti għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament. Dawn id-daqsijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 28b ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bilgħan li jiżguraw il-protezzjoni taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar, u jistgħu jidderogaw, fejn xieraq, mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni stabbiliti fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 15

Żamma abbord ta' ħut taħt id-daqs

▼M4

1. Għal qabdiet ta' organiżmi tal-baħar li għadhom żgħar ta' speċi soġġetta għall-obbligu tal-ħatt, għandu japplika l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

1a. Fejn qabdiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu nħattu, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri biex jiffaċilitaw il-ħżin tagħhom jew biex isibu suq għalihom, bħall-appoġġ għall-investiment fil-kostruzzjoni u l-adattament ta' postijiet tal-ħatt u postijiet ta' kenn, jew l-appoġġ għal investimenti biex jiżdied il-valur tal-prodotti tas-sajd.

▼M4

1b. Organiżmi tal-baħar ta' daqs żgħir ta' speċi mhux soġġetta għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu, jiġu ttrasportati, maħżuna, mibjugħa, impoġġija għall-wiri jew offruti għall-bejgħ, imma għandhom jintefgħu lura fil-baħar immedjatament.

▼B

2. Għall-ħut minbarra dawk definiti fl-Anness II bħala speċi mmirati għall-kategoriji ta' daqs tal-malji "iżgħar minn 16 mm" jew "16 sa 31 mm" maqbud bix-xbieki tat-tkarkir, bit-tartaruni Daniżi jew b'tagħmir simili ta' daqs tal-malji inqas minn 32 mm, jew b'tartaruni xkora, il-paragrafu 1 ma għandux japplika, bil-kondizzjoni li dawk il-ħut ma jiġux magħżula u ma jiġux mibjugħa, ma jiġux esibiti jew offruti għall-bejgħ għall-konsum uman.

▼M3

Artikolu 15a

Projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading)

Kwalunkwe speċi li hija suġġetta għal kwota li tinqabad matul l-operazzjonijiet tas-sajd għandha tittella' abbord il-bastiment u sussegwentement tinħatt l-art sakemm dan ma jmurx kontra l-obbligi previsti fir-regolamenti tal-Unjoni dwar is-sajd li tistabbilixxi miżuri tekniċi, ta' kontroll u ta' konservazzjoni, b'mod partikolari f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1]

▼B

KAPITOLU IV

RESTRIZZJONIJIET RELATATI MA' ĊERTI ŻONI, TIPI TA' SAJD JEW RIŻORSI AKWATIĊI HAJJIN

Artikolu 16

Żoni projbiti

Għandu jkun projbit tul is-sena kollha, li jsir sajd bi kwalunkwe tagħmir attiv fiż-żona ġeografika delimitata permezz ta' lossodromji ("rhumb lines") bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu skond is-sistema ta' koordinati WGS84:

1. 54° 23′ N, 14° 35′ E
2. 54° 21′ N, 14° 40′ E
3. 54° 17′ N, 14° 33′ E
4. 54° 07′ N, 14° 25′ E
5. 54° 10′ N, 14° 21′ E
6. 54° 14′ N, 14° 25′ E
7. 54° 17′ N, 14° 17′ E
8. 54° 24′ N, 14° 11′ E
9. 54° 27′ N, 14° 25′ E
10. 54° 23′ N, 14° 35′ E

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

▼B

Artikolu 17

Restrizzjonijiet fuq is-sajd għas-salamun u għat-trota tal-baħar

1. Iż-żamma abbord tas-salamun (*Salmo salar*) jew tat-trota tal-baħar (*Salmo trutta*) għandu jkun projbit:

(a) mill-1 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru fl-ilmijiet tas-suddiviżjonijiet 22 sa 31,

(b) mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru fl-ilmijiet tas-suddiviżjoni 32.

▼M4

Fejn is-salamun (*Salmo salar*) huwa soġġett għall-obbligu tal-ħatt stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet ta' salamun. Fejn it-trota tal-baħar (*Salmo trutta*) hija soġġetta għall-obbligu tal-ħatt kif jinsab fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet tat-trota tal-baħar. Qabdiet mhux intenzjonati ta' salamun (*Salmo salar*) jew it-trota tal-baħar (*Salmo trutta*) għandhom jinħattu, u, fil-każ tas-salamun, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

Sajd għal salamun (*Salmo salar*) u għal troti tal-baħar (*Salmo trutta*) bl-użu ta' kwalunkwe tagħmir tas-sajd fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perijodi msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u kif speċifikat fil-paragrafu 2 għandu jiġi pprojbit.

▼B

2. Iż-żona ta' projbizzjoni matul l-istaġun magħluq għandha tkun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.

▼M4

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess sajd għas-salamun (*Salmo salar*) jew it-trota tal-baħar (*Salmo trutta*) bit-tunnara.

▼B

Artikolu 18

Restrizzjonijiet fuq sajd għas-sallur

Iż-żamma abbord ta' sallur maqbud bi kwalunkwe tagħmir attiv għandha tkun projbita tul is-sena kollha.

▼M3

Artikolu 18a

Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u għall-barbun imperjali

1. Iż-żamma abbord tal-ispeċijiet ta' ħut li ġejjin għandha tkun ipprojbita meta dawn jinqabdu fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmijin hawn taħt:

Speċijiet	Żona ġeografika	Perjodu
Barbun (*Platichthys flesus*)	Subdiviżjonijiet 26, 27, 28 u 29, fin-Nofsinhar ta' 59° 30′ N	Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju
	Subdiviżjoni 32	Mill-15 ta' Frar sal-31 ta' Mejju
Barbun imperjali (*Psetta maxima*)	Subdiviżjonijiet 25, 26 u 28 fin-Nofsinhar ta' 56° 50′ N	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju

▼M3

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta jkun qed isir sajd bix-xbieki tat-tkarkir, b'tartaruni Daniżi u b'irkaptu simili bid-daqs ta' malji daqs jew akbar minn 105 mm jew b'għeżula tat-tisqif, għeżula tat-tħabbil u pariti ta' malji ta' 100 mm jew akbar, qabdiet inċidentali ta' barbun u barbun imperjali jistgħu jinżammu abbord jew jinħattu l-art f'limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabda sħiħa miżmuma abbord jew tinħatt l-art matul il-perijodi ta' projbizzjoni msemmijin fil-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 19

Restrizzjonijiet fuq il-ħatt ta' qabdiet li ma jkunux ġew magħżula

1. Qabdiet mhux magħżula għandhom jitniżżlu l-art biss fil-portijiet u fl-iskali fejn ikun operat programm ta' kampjunament imsemmi fil-paragrafu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ programm adegwat ta' kampjunament li jippermetti monitoraġġ effettiv tal-ħatt ta' qabdiet mhux magħżula skond l-ispeċi.

KAPITOLU V

MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-GOLF TA' RIGA

Artikolu 20

Permess tas-sajd speċjali

1. Sabiex isir sajd fis-suddiviżjoni 28-1, il-bastimenti għandhom ikollhom permess speċjali tas-sajd maħruġ skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li nħarġilhom il-permess speċjali tas-sajd msemmi fil-paragrafu 1, jiġu inklużi f'lista, li jkun fiha l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni interna tagħhom, li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq website ta' l-Internet, li l-indirizz tiegħu jkun provdut minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

3. Il-bastimenti inklużi fil-lista għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-qawwa totali tal-magni (kW) tal-bastimenti fil-listi ma għandhiex tkun aktar minn dik osservata għal kull Stat Membru fis-snin 2000 - 2001 fis-suddiviżjoni 28-1; u

(b) il-qawwa tal-magni ta' bastiment ma għandhiex tkun aktar minn 221 kilowatt (kW) fi kwalunkwe waqt.

Artikolu 21

Sostituzzjoni tal-bastimenti jew tal-magni

1. Kwalunkwe bastiment individwali fil-lista msemmija fl-Artikolu 20(2) jista' jiġi sostitwit b'bastiment jew bastimenti oħra, bil-kondizzjoni li:

(a) tali sostituzzjoni ma twassalx għal żieda fit-total ta' qawwa tal-magni kif indikat fl-Artikolu 20(3)(a) fl-Istat Membru konċernat, u

▼B

(b) il-qawwa tal-magni ta' kwalunkwe bastiment ta' sostituzzjoni ma taqbiżx il-221 kW fi kwalunkwe waqt.

2. Il-magna ta' kwalunkwe bastiment individwali inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 20(2) tista' tiġi sostitwita, bil-kondizzjoni li:

(a) is-sostituzzjoni ta' magna ma twassalx sabiex il-qawwa tal-magni tal-bastiment taqbeż il-221 kW fi kwalunkwe waqt, u

(b) il-qawwa tal-magna ta' sostituzzjoni ma tkunx tali li s-sostituzzjoni twassal għal żieda fil-qawwa totali tal-magni kif indikat fl-Artikolu 20(3) (a) għall-Istat Membru konċernat.

Artikolu 22

Projbizzjoni tat-tkarkir

Fis-suddiviżjoni 28-1, is-sajd bit-tkarkir għandu jkun projbit f'ilmijiet ta' inqas minn 20 m fond.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 23

Tagħmir u prattika tas-sajd projbiti

1. Il-qbid ta' riżorsi akwatiċi ħajjin bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' splussivi, ta' sustanzi velenużi jew stupefaċenti, ta' kurrent elettriku jew ta' kwalunkwe tip ta' projettili għandu jkun projbit.

2. Il-bejgħ, il-wiri jew l-offerta għall-bejgħ ta' riżorsi akwatiċi ħajjin maqbuda bl-użu ta' metodi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu pprojbiti.

Artikolu 24

Riċerka xjentifika

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet ta' sajd imwettqa biss għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet ta' sajd għandhom jitwettqu bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati,

(b) l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fl-ilmijiet tagħhom titwettaq ir-riċerka għandhom ikunu ġew mgħarrfa minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' sajd, u

(ċ) il-bastiment li jwettaq l-operazzjonijiet ta' sajd irid iġorr abbord awtorizzazzjoni maħruġa mill-Istat Membru li tiegħu l-bastiment itajjar il-bandiera.

2. Minkejja l-paragrafu 1, ir-riżorsi akwatiċi ħajjin maqbuda għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1 ma jistgħux jiġu mibjugħa, maħżuna, esibiti jew offruti għall-bejgħ, ħlief jekk:

▼B

(a) jissodisfaw id-daqsijiet minimi għall-ħatt elenkati fl-Anness IV u, għar-riżorsi li għalihom ikunu ffissati l-opportunitajiet għas-sajd, tali opportunitajiet ma jkunux eżawriti; jew

(b) jinbiegħu direttament għal finijiet diversi mill-konsum uman.

Artikolu 25

Stokkjar mill-ġdid artifiċjali u trapjant

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet ta' sajd imwettqa biss għall-fini ta' stokkjar mill-ġdid artifiċjali jew ta' trapjant ta' riżorsi akwatiċi ħajjin li jitwettqu bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri konċernati. Meta l-istokkjar mill-ġdid artifiċjali jew it-trapjant jitwettqu fl-ilmijiet ta' Stat Membru jew ta' Stati Membri oħra, l-Istati Membri kollha konċernati għandhom ikunu mgħarrfa minn qabel.

Artikolu 26

Miżuri meħuda minn Stati Membri applikabbli biss għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom

1. L-Istati Membri jistgħu, għall-konservazzjoni u l-immaniġġar ta' l-istokkijiet jew sabiex inaqqsu l-effett tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar, jieħdu miżuri tekniċi maħsuba sabiex jillimitaw l-opportunitajiet ta' sajd li:

(a) jissupplementaw miżuri disposti fir-Regolamenti ►**M3** tal-Unjoni ◄ dwar is-sajd; jew

(b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fir-Regolamenti ►**M3** tal-Unjoni ◄ dwar is-sajd.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss għas-sajjieda ta' l-Istati Membri konċernati u għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi ►**M3** tal-Unjoni. ◄

3. L-Istat Membru konċernat għandu jikkomunika mingħajr dewmien tali miżuri lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni jekk il-miżuri jikkonformawx mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

5. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, hija għandha tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru jirtira jew jimmodifika l-miżuri.

Artikolu 27

Valutazzjoni xjentifika tat-tipi ta' tagħmir

Sa l-1 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir valutazzjoni xjentifika ta' l-effetti ta' l-użu b'mod partikolari ta' l-għeżuli, pariti u xbieki tat-tħabbil fuq ċetaċji u li l-konklużjonijiet tagħha jiġu preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

▼B

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 28

Regoli implementattivi

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

▼M4

Artikolu 28a

Proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri tekniċi fil-kuntest ta' pjani ta' skartar

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, għall-finijiet li tadotta l-atti msemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għad-durata tiegħu, li tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sajd jew speċijiet soġġetti għall-obbligu tal-ħatt li jikkonsistu f'miżuri tekniċi msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament. Tali miżuri għandhom ikunu adottati permezz ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 28b ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bil-għan li tiżdied is-selettività tal-irkaptu jew jitnaqqas jew, sa fejn hu possibbli, jiġu eliminati qabdiet mhux mixtieqa u jistgħu, fejn xieraq, jidderogaw mill-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 28b

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni, soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 14a u 28a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-1 ta' Ġunju 2015.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 14a u 28a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 14a u 28a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

Artikolu 29

Emendi lill-Annessi

Għandhom jiġu adottati emendi għall-Anness I u għall-Appendiċi 1 u 2 ta' l-Anness II skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 30

Emendi lir-Regolament (KE) Nru 1434/98

Ir-Regolament (KE) Nru 1434/98 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 għandu jiġi mħassar;

2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu mħassra;

3) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-qabdiet ta' l-aringi li jinqabdu:

— fir-Reġjuni 1 u 2 bi xbieki mkarkra li d-daqs ta' l-iżgħar toqob tagħhom ikun ta' 32 mm jew akbar jew,

— fir-Reġjun 3 bi xbieki mkarkra li d-daqs ta' l-iżgħar toqob tagħhom ikun ta' 40 mm jew akbar jew,

— fir-Reġjuni 1 jew 2 jew 3 bi kwalunkwe tagħmir tas-sajd minbarra bi xbieki mkarkra,

ma għandhomx jinħattu ħlief għall-konsum dirett tal-bniedem sakemm ma jkunux l-ewwel ġew offruti għall-bejgħ għall-konsum dirett tal-bniedem u ma jkunx instab xerrej għalihom.";

4) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Madankollu, l-aringi li jinqabdu bi kwalunkwe tagħmir tas-sajd taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 2 jistgħu jinħattu għal skopijiet oħra minbarra dak tal-konsum dirett tal-bniedem."

Artikolu 31

Taħsir

Ir-Regolament (KE) Nru 88/98 huwa b'dan imħassar.

Kull referenza għar-Regolament imħassar għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal dan ir-Regolament u għandha tinqara skond it-Tabella ta' Korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Suddiviżjonijiet taż-żona ġeografika msemmija fl-artikolu 1 li għandhom jiġu mkejla skond is-sistema ta' koordinati WGS84

Suddiviżjoni 22

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn Hasenøre Head (56° 09' N, 10° 44' E) fuq il-kosta tal-Lvant ta' Jutland għal Point Gniben (56° 01' N, 11° 18' E) fuq il-kosta tal-Punent ta' Zealand; imbagħad mal-kosta tal-Punent u l-kosta tan-Nofsinhar ta' Zealand għal punt li jinsab fil-lonġitudini 12° 00' E; minn hemm, lejn in-Nofsinhar għall-gżira ta' Falster; imbagħad mal-kosta tal-Lvant tal-gżira ta' Falster għal Gedser Odde (54° 34' N, 11° 58' E); imbagħad lejn il-Lvant għal-lonġitudini 12° 00' E; imbagħad lejn in-Nofsinhar għall-kosta tal-Ġermanja; imbagħad fid-direzzjoni tal-Lbiċ mal-kosta tal-Ġermanja u l-kosta tal-Lvant ta' Jutland sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 23

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn Gilbjerg Head (56° 08' N, 12° 18' E) fuq il-kosta tat-Tramuntana ta' Zealand għal Kullen (56° 18' N, 12° 28' E) fuq il-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosta ta' l-Isvezja għall-fanal ta' Falsterbo (55° 23' N, 12° 50' E); imbagħad mill-entratura tan-Nofsinhar għas-Sound għall-fanal ta' Stevns (55° 19' N, 12° 28' E) fuq il-kosta ta' Zealand; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana mal-kosta tal-Lvant ta' Zealand sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 24

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda mill-fanal ta' Stevns (55° 19' N, 12° 28' E) fuq il-kosta tal-Lvant ta' Zealand mill-entratura tan-Nofsinhar għas-Sound għall-fanal ta' Falsterbo (55° 23' N, 12° 50' E) fuq il-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad mal-kosta tan-Nofsinhar ta' l-Isvezja għall-fanal ta' Sandhammaren (55° 24' N, 14° 12' E); minn hemm għall-fanal ta' Hammerodde (55° 18' N, 14° 47' E) fuq il-kosta tat-Tramuntana ta' Bornholm; imbagħad mal-kosti tal-Punent u tan-Nofsinhar ta' Bornholm għal punt li jinsab fil-lonġitudini 15° 00' E; minn hemm lejn in-Nofsinhar għall-kosta tal-Polonja; imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent mal-kosti tal-Polonja u l-Ġermanja għal punt li jinsab fil-lonġitudini 12° 00' E; imbagħad lejn it-Tramuntana għal punt li jinsab fil-latitudini 54° 34' N u lonġitudini 12° 00' E; imbagħad lejn il-Punent għal Gedser Odde (54° 34' N, 11° 58' E); minn hemm, mal-kosta tal-Lvant u tat-Tramuntana tal-gżira ta' Falster sa punt li jinsab fil-lonġitudini 12° 00' E; minn hemm, lejn it-Tramuntana għall-kosta tan-Nofsinhar ta' Zealand; imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent u tat-Tramuntana mal-kosta tal-Punent ta' Zealand sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 25

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta tal-Lvant ta' l-Isvezja fil-latitudini 56° 30' N, u li timxi fid-direzzjoni tal-Lvant għall-kosta tal-Punent tal-gżira ta' Öland; wara li tgħaddi lejn in-Nofsinhar tal-gżira ta' Öland għal punt fuq il-kosta tal-Lvant li jinsab fil-latitudini 56° 30' N, lejn il-Lvant għal-lonġitudini 18° 00' E; imbagħad lejn in-Nofsinhar għall-kosta tal-Polonja; imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent mal-kosta tal-Polonja għal punt li jinsab fil-lonġitudini 15° 00' E; imbagħad lejn it-Tramuntana għall-gżira ta' Bornholm; imbagħad mal-kosti tan-Nofsinhar u tal-Punent ta' Bornhom għall-fanal ta' Hammerodde (55° 18' N, 14° 47' E); imbagħad għall-fanal ta' Sandhammaren (55° 24' N, 14° 12' E) fuq il-kosta tan-Nofsinhar ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana mal-kosta tal-Punent ta' l-Isvezja sal-punt tat-tluq.

▼B

Suddiviżjoni 26

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt li jinsab fil-latitudini 56° 30' N u lonġitudini 18° 00' E u li timxi lejn il-Lvant għall-kosta tal-Punent tal-Latvja; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosti tal-Latvja, il-Litwanja, ir-Russia u l-Polonja għal punt fuq il-kosta Pollakka li jinsab fil-lonġitudini 18° 00' E; imbagħad lejn it-Tramuntana sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 27

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta ta' l-art prinċipali tal-Lvant ta' l-Isvezja li jinsab fil-latitudini 59° 41' N, u lonġitudini 19° 00' E u li timxi lejn in-Nofsinhar għall-kosta tat-Tramuntana tal-gżira ta' Gotland; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosta tal-Punent ta' Gotland għal punt li jinsab fil-latitudini 57° 00' N; imbagħad lejn il-Punent għal-lonġitudini 18° 00' E; imbagħad lejn in-Nofsinhar għal-latidudini 56° 30' N, imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent għall-kosta tal-Lvant tal-gżira ta' Öland; imbagħad, wara li tgħaddi n-Nofsinhar tal-ġżira ta' Öland, għal punt fuq il-kosta tal-Punent tagħha li jinsab fil-latitudini 56° 30' N; imbagħad lejn il-Punent għall-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramunata mal-kosta tal-Lvant ta' l-Isvezja sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 28-1

L-ilmijiet delimitati fil-Punent b'linja miġbuda minn 57° 34.1234' N, 21° 42.9574' E għal 57° 57.4760' N, 21° 58.2789' E, imbagħad lejn in-Nofsinhar għall-punt l-iżjed fin-Nofsinhar tal-peninsula ta' Sõrve u imbagħad f;direzzjoni tal-Grigal mal-kosta tal-Lvant tal-gżira ta' Saaremaa; u fit-Tramuntana b'linja miġbuda minn 58° 30.0' N, 23° 13.2' E għal 58° 30.0' N, 23° 41.1' E.

Suddiviżjoni 28-2

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt li jinsab fil-latitudini 58° 30' N, u lonġitudini 19° 00' E u li timxi fid-direzzjoni tal-Lvant għall-kosta tal-Punent tal-gżira ta' Saaremaa; imbagħad, fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosta tal-Punent ta' Saaremaa għal-latitudini 57° 57.4760' N u lonġitudini 21° 58.2789'E; imbgħad lejn in-Nofsinhar għal punt li jinsab fil-latidudini 57° 34.1234' N u lonġitudini 21° 42.9574'E; imbagħad mal-kosta tal-Latvja għan-Nofsinhar għal punt li jinsab fil-latitudini 56° 30' N; imbagħad lejn il-Punent għal-lonġitudini 18° 00' E; imbagħad lejn it-Tramuntana għal-latitudini 57° 00' N; imbagħad lejn il-Lvant għall-kosta tal-Punent tal-gżira ta' Gotland; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana għal punt fuq il-kosta tat-Tramuntana ta' Gotland li tinsab fil-lonġitudini 19° 00' E; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 29

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta ta' l-art prinċipali tal-Lvant ta' l-Isvezja li tinsab fil-latitudini 60° 30' N, u li timxi lejn il-Lvant għall-kosta ta' l-art prinċipali tal-Finlandja; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosti tal-Punent u tal-Lvant tal-Finlandja għal punt fuq il-kosta ta' l-art prinċipali tan-Nofsinhar li jinsab fil-latitudini 23° 00' E; imbgħad lejn in-Nofsinhar għal-latitudini 59° 00' N; imbagħad lejn il-Lvant għall-kosta ta' l-art prinċipali ta' l-Estonja; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosta ta' l-Estonja għal punt li jinsab fil-latitudini 58° 30' N; imbagħad lejn il-Punent għall-kosta tal-Lvant tal-gżira ta' Saaremaa; imbagħad, wara li tgħaddi t-Tramuntana tal-ġżira ta' Saaremaa, għal punt fuq il-kosta tal-Punent tagħha li jinsab fil-latitudini 58° 30' N; imbagħad lejn il-Punent għal-lonġitudini 19° 00' E; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana għal punt fuq il-kosta tal-Lvant ta' l-art prinċipali ta' l-Isvezja sal-punt tat-tluq.

▼B

Suddiviżjoni 30

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta tal-Lvant ta' l-Isvezja li jinsab fil-latitudini 63° 30' N u li jimxi lejn il-Lvant għall-kosta ta' l-art prinċipali tal-Finlandja; imbagħad fid-direzzjoni tan-Nofsinhar mal-kosta tal-Finlandja għal punt li jinsab fil-latitudini 60° 30' N; imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent għall-kosta ta' l-art prinċipali ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tat-Tramuntana mal-kosta tal-Lvant ta' l-Isvezja sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 31

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta tal-Lvant ta' l-Isvezja li jinsab fil-latitudini 63° 30' N u li timxi, wara li tgħaddi mit-Tramuntana tal-Golf tal-Bothnia, għal punt fuq il-kosta tal-Punent ta' l-art prinċipali tal-Finlandja li jinsab fil-latitudini 63° 30' N; imbagħad lejn il-Punent sal-punt tat-tluq.

Suddiviżjoni 32

L-ilmijiet delimitati b'linja miġbuda minn punt fuq il-kosta tan-Nofsinhar tal-Finlandja li jinsab fil-latitudini 23° 00' N u li timxi, wara li tgħaddi mil-Lvant tal-Golf tal-Finlandja, għal punt fuq il-kosta tal-Punent ta' l-Estonja li jinsab fil-latitudini 59° 00' N; imbagħad lejn il-Punent għal lonġitudini 23° 00' E; imbagħad lejn it-Tramuntana sal-punt tat-tluq.

▼B

ANNESS II

Xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u tagħmir simili: skali ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki, speċi mmirati u perċentwali rekwiżiti ta' qabdiet applikabbli

Speċi mmirati	Skala ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki (mm)						
	< 16	16 ≤ u < 32	16 ≤ u < 105	32 ≤ u < 90	32 ≤ u < 105	≥ 90 (3)	≥ 105 (2) (3)
	Gruppi ta' Suddiviżjonijiet						
	22-32	22-27	28-32	22-23	24-27	22-23	22-32
	Perċentwali minima ta' speċi mmirati						
	90 (1)	90 (1) (5)	90 (1)	90 (1) (4)	90 (1) (4)	90	100
Sallur tar-ramel (*Ammodytidae*)	*	*	*	*	*	*	*
Sardin (*Sprattus sprattus*)		*	*	*	*	*	*
Aringi (*Clupea harengus*)			*	*	*	*	*
Lingwata (*Solea vulgaris*)						*	*
Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)						*	*
Merlangu (*Merlangius merlangus*)						*	*
Rombu lixx (*Scophthalmus rhombus*)						*	*
Dap (*Limanda limanda*)						*	*
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (*Platichthys flesus*)						*	*
Il-lingwata lemon sole (*Microstomus kitt*)						*	*
Barbun imperjali (*Psetta maxima*)						*	*
Merluzz (*Gadus morhua*)							*

(1) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti f'mhux aktar minn 3 % ta' merluzz skond il-piż ħaj.
(2) Għandhom jiġu awtorizzati biss xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u tagħmir simili bi twieqi tal-ħruġ Bacoma jew bl-ixkora T90 u bil-biċċa ta' l-estensjoni ta' daqs tal-malja tax-xibka u speċifikazzjonijiet kif stabbiliti fl-Appendiċi I u II.
(3) L-użu ta' tkarkir bil-lasta ma għandux jiġi awtorizzat.
(4) Il-qabda miżmuma abbord tista' tikkonsisti f'sa 40 % ta' merlangu skond il-piż ħaj.
(5) Il-qabda miżmuma abbord tista' tikkonsisti f'sa 45 % ta' aringi skond il-piż ħaj.

▼M2

Appendiċi 1

Speċifikazzjonijiet tal-manek BACOMA

Deskrizzjoni

(a) *Daqs tal-manka, tal-biċċa tal-estensjoni u tat-tarf ta' wara tax-xibka tat-tkarkir*

(i) Il-manka għandha tkun magħmula minn żewġ pannelli, magħquda flimkien permezz ta' ċmus waħda fuq kull naħa ta' tul indaqs.

(ii) Id-daqs minimu tal-malji djamant għandu jkun ta' 105 mm. Il-materjal tal-ħjut għandu jkun ta ' ħajt tal-polyethylene bi ħxuna ta' spaga waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna ta' spaga doppja ta' mhux aktar minn 4 mm.

(iii) Għandu jkun projbit l-użu ta' manek u ta' biċċiet ta' estensjoni li jkunu magħmula minn biċċa waħda biss ta' materjal tax-xibka u li għandhom ċmusa waħda biss.

(iv) L-għadd ta' malji djamant miftuħa, esklużi dawk fiċ-ċmus, fi kwalunkwe punt fuq kwalunkwe ċirkonferenza ta' kwalunkwe biċċa ta' estensjoni ma għandux ikun anqas jew iżjed mill-għadd massimu ta' malji fuq iċ-ċirkonforenza tan-naħa ta' quddiem tal-manka (Figura 1).

(b) *Post tat-tieqa*

(i) It-tieqa għandha tiddaħħal fil-pannell ta' fuq tal-manka (Figura 2).

(ii) It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn erba' malji mill-codline, inkluża r-ringiela, immaljata bl-idejn ta' malji li minnha tgħaddi l-codline (Figura 3 jew 4).

(ċ) *Daqs tat-tieqa*

(i) Il-wisa' tat-tieqa, espressa f'għadd ta' fillieri (ġnub) tal-malji, għandu jkun daqs in-numru ta' malji djamant miftuħa fil-pannell ta' fuq diviż bi tnejn. Jekk meħtieġ, jistgħu jinżammu sa massimu ta' 20 % tal-għadd ta' malji djamant miftuħa fil-pannell ta' fuq maqsuma b'mod ugwali fuq iż-żewġ naħat tal-pannell tat-tieqa (Figura 4).

(ii) It-tul tat-tieqa għandu jkun tal-inqas 5.5 m.

(iii) B'deroga mill-punt ii, it-tul tat-tieqa għandu jkun mill-inqas 6 m jekk senser dedikat għall-kejl tal-volum tal-qabdiet ikun imwaħħal mat-tieqa.

(d) *L-immaljar tat-tieqa*

(i) Il-malji għandu jkollhom wisa' minimu tat-toqba tal-malja ta' 120 mm. Il-malji għandhom ikunu malji kwadri, jiġifieri l-erba' naħat kollha tal-immaljar tat-tieqa jkunu maqtugħa fil-fillieri kollha.

(ii) L-immaljar għandu jkun immuntat b'tali mod li l-fillieri jkunu paralleli u perpendikolari mat-tul tal-manka. L-immaljar għandu jkun bi spaga waħda mmaljata mingħajr għoqod jew immaljar bi proprjetajiet selettivi simili u ppruvati. Immaljar mingħajr għoqod ifisser immaljar magħmul minn malji b'erba' naħat li jkollhom il-kantunieri tal-malji ffurmati binnisġa tal-ispag ta' żewġ naħat maġenb xulxin tal-malja.

(iii) Id-dijametru tal-ħajta singola għandu jkun tal-inqas 5 mm.

▼**M2**

(e) *Speċifikazzjonijiet oħra*

(i) Għandu jkun hemm ċinga ta' wara li ma ddurx mat-tieqa tal-ħruġ BACOMA.


(ii) Iż-żubrun tal-manka għandu jkun sferiku u jkollu dijametru mhux akbar minn 40 ċm. Għandu jkun marbut sew mal-codline permezz tal-ħabel taż-żubrun.

(iii) Il-flapper ma għandhiex tirkeb fuq it-tieqa tal-ħruġ BACOMA

▼**M2**

Figura 1

It-tagħmir tax-xibka tat-tkarkir jista' jinqasam fi tliet sezzjonijiet differenti skont l-għamla u l-funzjoni. Il-parti prinċipali tax-xibka tat-tkarkir hija dejjem sezzjoni konika. Il-biċċa tal-estensjoni tkun sezzjoni mhux konika, normalment fabbrikata minn biċċa jew minn żewġ biċċiet ta ' xbiek. Il-manka hija wkoll sezzjoni mhux konika, spiss magħmula minn spag doppju sabiex ikollha reżistenza aħjar kontra d-deterjorazzjoni qawwija mill-użu. Il-parti taħt iċ-ċinga tal-irfigħ tissejjaħ borża tal-irfigħ.



▼**M2**

Figura 2

A Biċċa tal-estensjoni

B Manka

C Tieqa tal-ħrib, pannell ta' malji kwadri

1 Pannell ta' fuq, massimu ta' 50 malja djamant miftuħa

2 Pannell t'isfel, massimu ta' 50 malja djamant miftuħa

3 Ċmus

4 Ċirku jew ħajta tal-ġuntura

5 Ċinga tal-irfigħ


6 Ċinga ta' wara

7 Codline

8 Distanza tat-tieqa mill-codline (Figuri 3 u 4)

9 Ħabel taż-żubrun

10 Żubrun tal-manka



▼**M2**

Figura 3

IMMUNTAR TAL-PANNELL TAT-TIEQA

A Pannell ta’ malji kwadri 120 mm (25 filliera)


B It-tgħaqqid flimkien tal-pannell ta’ malji maċ-ċmusa

C It-tgħaqqid flimkien ta’ pannell ta’ malja kwadra ma’ xibka ta’ malja djamant

D Xibka ta ’ malji djamant ta’ 105 mm (massimu ta’ 50 malja miftuħa)

E Id-distanza tal-pannell tat-tieqa mill-codline. It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn erba’ malji mill-codline, inkluża r-ringiela mmaljata bl-idejn, ta’ malji li minnha tgħaddi l-codline

F Ringiela ta’ malji tal-codline immaljati bl-idejn



▼M2

Figura 4

IMMUNTAR TAL-PANNELL TAT-TIEQA

A Pannell ta' malja kwadra ta' 120 mm (20 filliera)

B It-tgħaqqid flimkien tal-pannell ta' malji maċ-ċmusa


C It-tgħaqqid flimkien ta' pannell ta' malja kwadra ma' xibka ta' malja djamant

D Xibka ta' malja kwadra ta' 105 mm (mhux aktar minn 50 malja miftuħa)

E Id-distanza tal-pannell tat-tieqa mill-codline. It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn 4 malji mill-codline, inkluża r-ringiela, immaljata bl-idejn ta' malji li minnha tgħaddi l-codline.

F Ringiela ta' malji tal-codline immaljati bl-idejn

G Massimu ta' 10 % fuq iż-żewġ naħat ta' malji miftuħa tat-tip D



▼M2

Appendiċi 2


SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAX-XIBKA TAT-TKARKIR T90

(a) **Definizzjoni**

1. Ix-xbieki tat-tkarkir T90 huma definiti bħala x-xbieki tat-tkarkir, it-tartaruni Daniżi u rkapti simili li għandhom manka u biċċa ta' estensjoni prodotta minn tip ta' xbieki bl-għoqiedi forma ta' djamant imdawra 90° biex id-direzzjoni prinċipali kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka tkun parallela għad-direzzjoni tal-irmunkar.

2. Id-direzzjoni ta' kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka f'xibka standard bl-għoqiedi jiffurmaw il-malji tax-xibka djamant (A) u f'xibka mdawra 90° (B) huwa muri fil-Figura 1 hawn taħt.

Figura 1



(b) **Id-daqs tal-malja u l-kejl**

Id-daqs tal-malja għandu jkun tal-anqas 120 mm. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 517/2008 (*), id-daqs tal-malja fil-manka u fil-biċċa ta' estensjoni għandhom jitkejlu b'mod perpendikulari għall-assi lonġitudinali tal-irkaptu tas-sajd.

(ċ) **Ħxuna tal-ispaga**

Il-materjal tal-ispaga tal-manka u tal-biċċa tal-estensjoni għandu jkun magħmul minn spag tal-polyethylene bi ħxuna ta' spaga waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna doppja tal-ispaga ta' mhux aktar minn 4 mm. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għar-ringiela li tinsab fuq wara nett tal-malji jekk hemm codline iffittjata mal-manka.

(d) **Kostruzzjoni**

1. Il-manka u l-estensjoni ta' malji mdawra (T90) għandhom isiru minn żewġ pannelli ta' dimensjonijiet indaqs, b'mill-anqas 50 malja fit-tul, u bl-orjentazzjoni tal-malja kif deskritt hawn fuq, magħquda flimkien minn żewġt iċmus laterali.

2. L-għadd ta' malji miftuħa fi kwalunkwe ċirkonferenza jrid ikun kostanti mill-parti ta' quddiem tal-estensjoni lejn il-parti li tinsab fuq wara nett tal-manka.

▼M2

3. Fil-punt fejn jingħaqdu tal-manka jew tal-biċċa tal-estensjoni mal-parti konika tax-xibka tat-tkarkir, l-għadd ta' malji fiċ-ċirkonferenza tal-manka jew tal-biċċa tal-estensjoni trid tkun ta' 50 % tal-aħħar ringiela ta' malji tal-parti konika tax-xibka tat-tkarkir.

4. Fil-Figura 2 hawn taħt jintwerew manka u biċċa tal-estensjoni.

(e) **Ċirkonferenza**

L-għadd ta' malji fi kwalunkwe ċirkonferenza fil-manka u l-biċċa tal-estensjoni, esklużi dawk fil-ġuntura u ċ-ċmus għandu jkun ta' mhux anqas minn 50.


(f) **Ċrieki tal-ġuntura**

Ix-xifer ta' quddiem tal-pannelli li jifforma kemm il-manka kif ukoll il-biċċa tal-estensjoni għandu jkun iffittjat b'ringiela ta' nofs malji mmaljati. Ix-xifer ta' wara tal-pannell tal-manka għandu jkun iffittjat b'ringiela sħiħa ta' malji mmaljati li tkun kapaċi tiggwida l-codline.

(g) **Żubrun tal-manka**

Iż-żubrun tal-manka għandu jkun sferiku u jkollu dijametru mhux akbar minn 40 ċm. Għandu jkun marbut sew mal-codline permezz tal-ħabel taż-żubrun.

Figura 2



(*) ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5.

▼B

ANNESS III

Għeżuli, xbieki tat-tħabbil u pariti: skali ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki u speċi mmirati

Speċi mmirati	Skala ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki (mm)				
	16 ≤ u < 110	32 ≤ u < 110	90 ≤ u < 156 ([2])	110 ≤ u < 156	≥ 157
	Gruppi ta' Suddiviżjonijiet				
	28–32	22–27	22–32	22–23	22–32
	Perċentwali minima ta' speċi mmirati				
	90 ([1])	90 ([1])	90	90	100
Sardin (*Sprattus sprattus*)	*	*	*	*	*
Aringi (*Clupea harengus*)	*	*	*	*	*
Lingwata (*Solea vulgaris*)			*	*	*
Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)			*	*	*
Merlangu (*Merlangius merlangus*)			*	*	*
Rombu lixx (*Scophthalmus rhombus*)			*	*	*
Dap (*Limanda limanda*)			*	*	*
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (*Platichthys flesus*)			*	*	*
Il-lingwata lemon sole (*Microstomus kitt*)			*	*	*
Barbun imperjali (*Psetta maxima*)			*	*	*
Merluzz (*Gadus morhua*)				*	*
Salamun (*Salmo salar*)					*

([1]) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti f'mhux aktar minn 3 % ta' merluzz skond il-piż ħaj.
([2]) Tali skala ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki għandha tkun ammissibbli sa 30 ta' Ġunju 2006.

▼B

ANNESS IV

▼M4

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

▼B

Speċi	Zona ġeografika	►M4 Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ◄
Merluzz (*Gadus morhua*)	Suddiviżjoni 22-32	38 cm
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (*Platichthys flesus*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 25	23 cm
	Suddiviżjonijiet 26 sa 28	21 cm
	Suddiviżjonijiet 29 sa 32, finnofsinhar minn 59° 30' N	18 cm
Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 32	25 cm
Barbun imperjali (*Psetta maxima*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 32	30 cm
Rombu lixx (*Scophthalmus rhombus*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 32	30 cm
Sallur (*Anguilla anguilla*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 32	35 cm
Salamun (*Salmo salar*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 30 u 32	60 cm
	Suddiviżjoni 31	50 cm
Trota tal-baħar (*Salmo trutta*)	Suddiviżjonijiet 22 sa 25 u 29 sa 32	40 cm
	Suddiviżjonijiet 26 sa 28	50 cm

▼B

ANNESS V

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 88/98	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	—
Artikolu 3(1) u (2)	Artikolu 14
Artikolu 3(3)	Artikolu 15(1)
Artikolu 3(4)	—
Artikolu 3(5)	—
Artikolu 4	—
Artikolu 5(1) u (3)	Artikolu 3
Artikolu 5(2)	—
Artikolu 6	Artikolu 11
Artikolu 7	Artikolu 5
Artikolu 8(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 8(2)	Artikolu 13(2)
Artikolu 8(3)	Artikolu 16
Artikolu 8(4)	Artikolu 13(3)
Artikolu 8(a)	Artikolu 9
Artikolu 8(b)	Artikolu 10
Artikolu 9(1)	Artikolu 17
Artikolu 9(2)	Artikolu 8(1)
Artikolu 10(1)	—
Artikolu 10(2)	Artikolu 23(1)
Artikolu 10(3)	—
Artikolu 10(4)	—
Artikolu 11	Artikolu 24
Artikolu 12	Artikolu 25
Artikolu 13	Artikolu 26
Artikolu 14	Artikolu 28
Artikolu 15	Artikolu 31
Artikolu 16	Artikolu 32

▼B

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 88/98	Dan ir-Regolament
Anness I	Anness I
Anness II	—
Anness III	Anness IV
Anness IV	Annessi II u III
Anness V	Appendiċi 1 ta' l-Anness II
Anness VI	Anness V